TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 523/11/GZ

**Emerson Vella**

**vs**

**Eurosport**

Illum 25 ta' [illegible] 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Dicembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u erbghin Ewro (€140.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal par zarbun tal-futbol, liema zarbun tqatta' wara l-ewwel darba li ntlibes.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

Huwa xtara par zarbun tal-futbol minghand is-socjeta' ntimata, pero' l-ewwel darba li libsu, zarbuna wahda nfethet u tqattat minn quddiem. Meta huwa mar jilmenta mas-socjeta' ntimata u talabha sabiex jew tbiddilulu jew sabiex taghtih il-flus lura, is-socjeta' ntimata qaltlu li ma setghat taghmel xejn stante illi meta z-zarbun kien inxtara, hija kienet informatu illi ma kienx tajjeb biex jintuza fuq turf u li kien ghall-uzu fuq haxix naturali. Il-kwistjoni hi li fil-verita' ma kenitx din il-persuna li kienet bieghet iz-zarbun lir-rikorrent u li dan il-kliem qatt ma ntqal lilu. Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob jew li jinghata par zarbun gdid jew li jinghata l-flus lura.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Preliminarjament in-nullita' tal-proceduri odjerni stante illi l-konsumatur naqas li javza lis-socjeta' ntimata entru xahrejn skond kif jippreskrivi l-Art.79(2) tal-Kap.378 bl-allegat nuqqas ta' konformita';

Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni hija proposta kontra 'Eurosport' li m'ghandha l-ebda personalita' guridika u ghalhekk trid issir id-debita korrezzjoni u notifika mill-gdid;

Illi fil-mertu, l-azzjoni prezenti hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ampjament demostrat, inkluz minhabba l-fatt illi l-attur stess ammetta li uza z-zarbun ghal skop inidoneju, kontra kif gie mwissi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ircevuta fl-ammont ta' mija u erbghin Ewro (€140.00), li giet immarkata bhala Dok.EV1, flimkien ma' kopja ta' l-istruzzjonijiet ta' l-uzu li giet immarkata bhala Dok.EV2.

Ir-rikorrent ezabixxa z-zarbun in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' sentenza ta' l-appell datata 21 ta' Marzu 2012, a bazi ta' l-eccezzjoni preliminari taghha fid-dawl ta' l-Art.79(2) tal-Kap.378, li giet immarkata bhala Dok.ES1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata u dana tenut kont l-Artikolu 79(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-fatt illi r-rikorrent konsumatur fl-ebda stadju fit-terminu, hekk stipulat mill-Ligi, u cioe' it-terminu ta' xahrejn minn meta huwa ntebah bid-difett fil-prodott, ma huwa avza lis-socjeta' ntimata bil-miktub fuq dan l-imsemmi difett.

Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**